

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla) tal-10 ta' Settembru 2008 — Boston Scientific vs UASI — Terumo (CAPIO)**

**(Kawża T-325/06)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali CAPIO — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti CAPIOX — Raġuni relattiva għal rifjut — Użu ġenwin mit-trade mark — Artikolu 43(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94”

1. *Trade mark Komunitarja — Osservazzjonijiet ta' terzi u oppożizzjoni — Eżami tal-oppożizzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 43(2) u (3)) (ara l-punti 28-34)*
2. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 99-102)*

## **Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-14 ta' Settembru 2006 (Każ R 61/2006-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Terumo Kabushiki Kaisha u Boston Scientific Ltd.

**Informazzjoni dwar il-kawża**

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Boston Scientific Ltd
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali CAPIO għal prodotti fil-klassi 10 — Applikazzjoni Nru 2554434
Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Terumo Kabushiki Kaisha
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade mark nazzjonali verbali CAPIOX għal prodotti fil-klassi 10
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni miċħuda kollha kemm hi
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni miċħuda

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Boston Scientific Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.